**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs**

**Donna Borg nee’ Sciberras**

**Illum, 14 ta’ Settembru 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> “**Donna Borg nee’ Sciberras ta’ 27 sena**, bint Francis Sciberras u Josette nee’ Pisani, imwielda Pieta’ nhar il-11 t’ Awwissu 1994, detentirici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 358094M u minghajr indirizz fiss.
>
> U nakkuzaha talli nhar it-30 t’ Awwissu 2021 u fil-granet u gimghat ta’ qabel din id-data, u f’diversi nhawi f’dawn il-gzejjer:
>
> 1. Naqset milli thares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Dr Astrid May Grima LL.D fid-digriet taghha ta’ 18 ta’ Gunju 2020 li biha tat il-helsien mill-arrest b’ diversi kundizzjonijiet u dan taht depozitu ta’ 800 Euro u

garanzija personali ta' 10,000 Euro skond l-Artikoli 579 (1) (2) (3) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrendiet ruhha ricediva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digriet li biha Donna Borg inghatat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi kif ukoll tordna li s-somma ta' 800 Euro f'depozitu u 10,000 Euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat u qieset l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata;

Tat zmien ragonevoli lill-istess imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni tagħha;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputata **Donna Borg nee' Sciberras** reġgħet affermat l-ammissjoni tagħha anke wara li l-Qorti tatha żmien tirrikonsidra l-posizzjoni tagħha;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi stante ammissjoni tal-imputata l-akkuzi jirriżultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi imposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni tal-imputata f'dan l-istadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-koperazzjoni tagħha mal-Pulizija, il-fedina penali tal-imputata, il-gravità tar-reati minnha kommessi, kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed issib lill-imputata ħatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghha, u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 579 (1), (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tikkundanna lill-imputata ghal disa' xhur priġunerija effettivi, u tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna li l-imputata tiġi arrestata mill-ġdid, iżda ai termini tal-proviso tal-Artiklu 579 (1) teħles lill-imputata mill-konfiska tad-depożitu u tal-garanzija personali.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur